SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 10/K8/15**

**Laqgħa numru 10 tal-Leġislatura Nru. 8**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 27/11/'15** **388**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/03/'95 – 18/12/'14** **20**

## 10.01 Introduzzjoni

**10.01.01** Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ġimgħa 27 ta' Novembru 2015

**10.01.02** Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fl-4.00p.m.

| Isem | Kariga | Inizjali | Preżenza |
|---|---|---|---|
| Karl Gouder | Sindku | KG | Preżenti |
| Guido Dalli | Viċi Sindku | GD | Preżenti |
| Martin John Sultana | Kunsillier | MJS | Preżenti |
| Dott. Albert Buttigieg | Kunsillier | AB | Preżenti |
| John Agius | Kunsillier | JA | Preżenti |
| Adrian Dominic Ellul | Kunsillier | ADE | Prezenti |
| Clayton Luke Mula | Kunsillier | CLM | Preżenti |
| Clayton Tanti Gregoraci | Kunsillier | CTG | Preżenti |
| Rita Dimech Portelli | Kunsilliera | RDP | Preżenti |
| Paul Spiteri | Segretarju Eżekuttiv | PS | Preżenti |
| Cher Carmen Fenech | Iskrivana | CCF | Preżenti |

10.01.03 Kien preżenti wkoll l-Ambaxxatur tal-Żgħażagħ is-Sur Brian Azzopardi.

10.01.04 Preżenza tal-Pubbliku:- (1)

10.01.05 Is-Sindku Karl Gouder ippresieda l-laqgħa.

10.01.06 Inqrat it-Talba.

**Aġenda**

10.01.07 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-20 ta' Novembru 2015. L- Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjoni miċ-Ċermen
4. Security Issues f'Paceville
5. Tables & Chairs
6. CCTV's fuq il-bring-in-sites
7. Update tal-proġetti
8. Financial Statements
9. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
10. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

## 10.1 Approvazzjoni ta' Minuti

10.1.01 Is-Sindku ressaq il-Minuti 09/K8/15 għall-approvazzjoni. (Ara Appendiċi 'A')

10.1.02 Fil-Minuti 09/K8/15 nġibdet l-attenzjoni li għandha ssir emenda ta' 9.2.03 sabiex tintbaghat ittra lit-Transport Malta fir-rigward biex terġa ssir l-*Bus Stop* li kien hemm fi Triq Reġjonali kif ukoll jerġa jinfetaħ il-ħajt li jagħti għall-Triq Dun Ġużepp Xerri.

10.1.02 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ippropona l-approvazzjoni tagħhom

10.1.03 Il-Kunsillier Martin Sultana ssekondah.

**10.1.04** Il-Kunsill qabel unanimament.

**10.1.2 Approvazzjoni ta' Minuti – Kumitat Amministrattiv Paceville**

**10.1.2.01** Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 14/KA2/15 tal-Kumitat Amministrattiv Paceville (Ara Appendiċi 'B').

**10.2. Korrispondenza**

**10.2.01** Fuq il-mejda tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**10.2.02 Rif Nru. 6262**

Saret riferenza għat-talba mingħand is-Sur Brian Grixti biex jarma *Mobile Cocktail Bar* ħdejn il-Monument tal-Love minn Ġunju sa' nofs Settembru. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jaqbilx mat-talba tiegħu.

**10.2.03 Rif Nru. 6443**

Saret riferenza għat-talba b'kollaborazzjoni mal-Kunsill sabiex issir wirja ta' Presepju Artistiku fl-Okażżjoni tal-Festa tal-Milied. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ser jagħti s-sehem tiegħu b'kollaborazzjoni magħhom.

**10.2.04 Rif Nru. 6585**

B'riferenza għall-ittra mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsili Lokali dwar permess għall-imwejjed u siġġijiet ta' Cafe' Goloso, ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jaqbilx mal-proposta tiegħu. (Emended See Minuti 11/K8/16)

**10.2.05 Rif Nru. 6662**

Saret riferenza għat-talba mingħand is-Sur Bernard Camilleri sabiex jarma *stand* fid-Daħla tat-Tigulio lejliet l-Ewwel tas-Sena. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

**10.2.06 Rif Nru. 6702**

Saret riferenza għat-talba mingħand is-Sur Godwin Pullicino biex tintrama *Gazebo* quddiem il-ħanut *Electro Lobster Project* mit-23 ta' Diċembru 2015 sa l-1 ta' Jannar 2016. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jaqbilx mal-proposta tiegħu.

**10.2.07 Rif. Nru. 6805**

Saret riferenza għall-email mingħand il-Kunsillier Adrian Dominic Ellul dwar il-*website* tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill joħroġ talba għall-kwotazzjoni għall-*web hosting* u *web design*.

**10.2.08 Rif Nru. 6831**

Saret riferenza ghall-email mingħand il-Kunsillier Albert Buttigieg fir-rigward Triq Hans Stumme. Wara diskussjoni qasira gie deciz unanimament li l-Kunsill għadu ser jara x'ser jagħmel. (Ara l-Minuti aktar l' quddiem).

**10.2.09** Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli waslet fil-5.00p.m.

**10.2.10 Rif Nru. 6904**

Saret riferenza għat-talba għal imwejjed u siġġijiet quddiem Scappi's Trattoria fi Triq il-Kbira. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill qed joġġezzjona bħal ma oġġezzjona għall-talbiet oħra.

**10.2.11 Rif Nru. 6969**

Saret riferenza għat-talba mingħand is-Soċjeta Mużikali Spinola għal għajnuna finanzjarja ta' *sponsorship* sabiex jittella il-Programm Mużikali Annwali fil-Kapella tal-

Immakulata Kunċizzjoni. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ser jagħti s-sehem tiegħu b'kollaborazzjoni magħhom.

**10.2.12 Rif Nru. 6970**

Saret riferenza għat-talba mingħand is-Soċjeta Mużikali Spinola sabiex jiġu ffinanzjati it-tiżjin tal-Milied fi Triq San Ġorġ. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li din il-materja tintbagħat lill-Malta Tourism Authority.

## 10.3 Komunikazzjoni miċ-Ċermen

**10.3.01** Iċ-Ċermen nforma l-Kunsill li :-

- Fir-rigward il-*board* li hemm mwaħħla mat-Tigulio, il-Kunsill diga kiteb lill-MEPA sabiex jara hemmx permessi fuq dan il-*board.*

- Tintbagħat ittra lis-Supretendent Raymond D' Anastas u lill-Kummisarju tal-Pulizija Michael Cassar minħabba l-istorbju li qed isir min-naħa ta' Ryan's Pub u t-Tigulio.

- Tintbagħat ittra lill-LESA fir-rigward biex ikun hemm aktar preżenza tal-wardens f'San Ġiljan sabiex tiġi enforzata r-*Residential Parking Scheme.*

- Tintbagħat ittra lir-Ryan's Pub u l-*Meat Argentenian Steak House* minħabba li qed jintrema l-iskart ma' tar-residenti.

- Il-Konfini ta' bejn Pembroke u San Ġiljan ser jibqu kif kienu oriġinarjament minħabba lill-Kummisjoni Elettorali ma aċċetatx.

- Wara li l-Kunsill kien ħa deċiżjoni li jgħati l-kuntratt lill-Green Mt dwar l-ġbir ta' l-iskart separat u dan ta' l-aħħar baqa' anke wara insisitenza kemm verbali kif ukoll bil-miktub, ma ffirmax dan il-ftehim. Il-Kunsill riżolva li jagħmel kuntatti mal-kuntrattur l-ieħor li tefa' l-

offerta għall-istess servizz. Dan sabiex jintlaħaq ftehim ma' dan l-operatur (*Green Pak*) dwar dan is-servizz.

- Minkejja Ii l-Kunsill kiteb lid-Dipartiment sabiex inkunu nistgħu nemendaw ir-rati tal-*patching* kif stabilit mill-*framework* tal-Gvern, ma kellniex risposta u għalhekk susegwement ma stajniex nagħmlu *patching* minħabba li l-kuntrattur (LK Ltd) kien qiegħed jirrifjuta li jagħmel dan ix-xogħol bil-prezzijiet li kienu orħos ħafna minn dak stabilit fil-*frame work* tal-Gvern.

- Ser terġa tintbagħat reminder lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fir-rigward it-tarmac.

- Il-Kunsill ser jitprova l-ahhar tentettiv f'kaz li ma jkunx hemm bidla ser jinhareg tender iehor ghar-repair and upkeep.

- Ser tinhareġ in-*notice* fir-rigward l-kiosks tal-Festi.

## 10.4 Security Issues f' Paceville

**10.4.01** Ser tinħareġ *press release* fir-rigward is-*security issues* f'Paceville.

**10.4.02** Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul nforma lill-Kunsill li hu rranġa *meeting* mal-Ministru l-Onor Karmenu Abela fuq l-istess suġġett. Dan il-*meeting* kellu jsir nhar it-Tnejn 30 ta' Novembru 2015 fejn il-Kunsilliera kollha huma mistiedna.

## 10.5 CCTV's fuq il-Bring-in-Sites

**10.5.01** Il-Kunsill iddeċieda li jinstalla CCTV's system, ir-*recordings* tiegħu ser jinżammu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**10.5.02** L-offerta tal-*Unitec* ġiet aċċetata biex jagħmlu dawn l-installazzjoni. **(Ara Appendiċi 'Ċ')**

## 10.6 Tables & Chairs

**10.6.01** Taħt dan l-*item* ġew diskussi l-applikazzjonijiet pendenti li kien hemm i.e. Cafe' Goloso u Scappi's Trattoria kif ukoll ix-xogħolijiet li saru min-naħa tal-Bocconcino Restaurant. Wara diskussjoni fit-tul, kien hemm qbil li l-Kunsill joħroġ *policy* fejn jgħid li huwa ma kienx jaqbel li jinħarġu aktar permessi għall-*tables and chairs* minħabba li dawn kienu qed joħolqu ostakli kif ukoll jieħdu spazju prezjuż mill-parkeġġ disponibli.

## 10.7 Update tal-Proġetti

**10.7.01** Iċ-Ċermen ta indikazzjoni dwar il-proġett ta' Xatt is-Sajjieda fosthom tibdil fis-*slip way*. Il-pjan tal-proġett sħiħ kien għadu ma ġiex ippublikat u għalhekk il-Kunsill ma kellux quddiemu l-pjan kollhu.

**10.7.02** Ingħataw id-dettalji dwar it-twaħħil ta' siġar madwar l-*promenade* fejn ġie kkonfermat li l-*irrigation system* twaħħlet u jonqos biss it-twaħħil tas-siġar. Dan il-proġett kellu jitlesta sa' l-aħħar tas-sena.

**10.7.03** Ma kienx hemm l-ebda progress fir-rigward il-proġett tad-djar ta' l-anzjani.

## 10.8 Financial Statements

**10.8.01** Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-*Financial Statements* sat-30 ta' Ġunju 2015. (Ara Appendiċi 'D')

**10.8.02** Iċ-Ċermen ta spjegazzjoni tal-*Financial Statements* sat-30 ta' Ġunju 2015.

**10.8.03** Il-Kunsill qabel unanimament mal-*Financial Statements* sat-30 ta' Ġunju 2015.

## 10.9 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet.

**10.9.01** Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'E').

**10.9.02** Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli pproponiet l-approvazzjoni tagħhom.

**10.9.03** Il-Viċi Sindku Guido Dalli ssekondaha.

## 10.10 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**10.10.01** Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 3857 sa' Nru. 3871. (Ara Appendiċi 'F').

**10.10.02** Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3857 sa' Nru. 3871.

## 10.11 Affarijiet oħra meqjusa urġenti u Aġġornament

**10.11.01** Il-laqgħat li jmiss ser issir il-Ġimgħa 8 ta' Jannar 2016 fl-4.00p.m.

**10.11.02** Is-Segretarju Paul Spiteri ippreżenta rapport dwar l-appraisals ta' l-istaff u ppropona li l-membri kolha ta' l-istaff jingħataw il-full performance bonus għas-sena 2015. Kien maqbul ukoll li l-paga ta' Diċembru tinħareġ fit-18 ta' Diċembru 2015.

**10.11.03** Ġie deċiż li għandha ssir bibita' bejn l-Kunsill, l-Kumitat Amministrattiv kif ukoll l-istaff nhar il-Ħamis 17 ta' Diċembru 2015 fis-7.30p.m.

**10.11.04** Il-laqgħa ntemmet fis-7.30p.m.

| | |
|---|---|
| **Karl Gouder** | **Paul Spiteri** |
| **Ċermen** | **Segretarju Eżekuttiv** |